

**Rikors ippreżentat fit-18 ta' Mejju 2021 – Ryanair vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-268/21)**

(2021/C 252/45)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: Ryanair DAC (Swords, l-Irlanda) (rappreżentanti: E. Vahida, F. -C. Lapr vot, V. Blanc, S. Rating u I.-G. Metaxas-Maranghidis, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħ obha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta tat-22 ta' Diċembru 2020 dwar l-ghajjnuna mill-Istat SA.59029 – L-Italja – COVID-19 – *Skema ta' kumpens għal kumpanniji tal-ajru li għandhom liċenzja tal-operat Taljana* <sup>(1)</sup>; u
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta kisret dispożizzjonijiet speċifiċi tat-TFUE u tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni Ewropea li fuqhom hija bbażata l-liberalizzazzjoni tat-trasport bl-ajru fl-UE sa mill-aħħar tas-snin tmenin (jiġifieri, in-nondiskriminazzjoni, il-libert  li jiġu pprovduti servizzi – applikati għat-trasport bl-ajru permezz tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 <sup>(2)</sup> – u l-libert  ta' stabbiliment).
2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta applikat b'mod żbaljat l-Artikolu 107(2)(b) TFUE u wettqet żbalji manifesti ta' evalwazzjoni fl-eżami tal-proporzjonalit  tal-ghajjnuna fir-rigward tad-dannu kkawżat mill-kriżi tal-COVID-19.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta naqset milli tidba' proċedura formali ta' investigazzjoni minkejja diffikultajiet serji u kisret id-drittijiet proċedurali tar-rikorrenti.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta kisret id-dmir ta' motivazzjoni tagħha

<sup>(1)</sup> ĠU 2021 C 50, p. 6 sa 7.

<sup>(2)</sup> Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi ta' l-ajru fil-Komunit  (ĠU 2008, L 293, p. 3).

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Mejju 2021 – Anastasiou vs Il-Kummissjoni u l-B CE****(Kawża T-149/14) <sup>(1)</sup>**

(2021/C 252/46)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tal-Ewwel Awla Estiża ordna t-tħassir tal-kawża.

<sup>(1)</sup> ĠU C 159, 26.5.2014.